MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 652/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**ROXANA TANTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Roxana Tanti, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 581688M.

**Akkuzata talli:**

Fil-wiehed u ghoxrin ta` Lulju, 2012 ghal habta tas-siegha ta` filghodu (01:00hrs) gewwa Vjal Santa Lucija, Rahal Gdid, b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, b’vettura bin-numru tar-registrazzjoni

FBX429, involontarjament ikkagunat ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Mariella Meli minn Rahal Gdid hekk kif iccertifika Dr. Jonathan Zammit c/o A&E tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u traskurata.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 328B u 15 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputata.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja fuq l-akkuzi li lilha gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-istess imputata ghall-perjodu ta` sitt (6) xhur kif ukoll tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------